2022

# IL-QARĊILLA

KITBA TA'
ĊIKKU L-POPLU



## KITBA TAŻ-ŻWIEĠ STRAORDINARJA BEJN TLIET KOPPJI

Hekk kif imniżżla quddiem
in-Nutar Ġużi Loffreda

# IL-QREJĊA

GĦALIEX ISSA MODA L-PRE-WEDDING!

**JIEĦDU SEHEM**

| | |
|---|---|
| It-Tabib | Dr. J.P. Zammit |
| Il-Perit | Frankie Concrete |
| Koppja Nru 1 | Benjamin Camilleri<br>(magħruf bħala Benji-K)<br>Krista Lynn Borg Chircop<br>(magħrufa bħala Krista-Lina) |
| Koppja Nru 2 | Rev. Johnny Bendu<br>Mattea Grech |
| Koppja Nru 3 | Daren Callus<br>Wendy Termos |

| | |
|---|---|
| **Tabib** | Merħba bikom, maskarati<br>Mid-Dottor J.P. Zammit! |
| **Perit** | Ejjew ’l hawn, ja xxellerati<br>Mal-Perit Frankie Concrete! |
| **Tabib** | Naf li ġejtu għall-Qarċilla<br>Ma rridkomx taqtgħu l-aptit |
| **Perit** | Iżda xtaqna li ngħidulkom |
| **Perit & Tabib** | Kelmtejn żgħar fuq il-partit. |
| **Tabib** | Xtaqna kieku lqajniekom<br>B’xi spettaklu mużikali |
| **Perit** | Iżda l-Karnival inzerta |
| **Perit & Tabib** | F’nofs kampanj’elettorali! |
| **Tabib** | Naf li hemm min akkużana<br>Bit-tixħim u l-korruzzjoni |
| **Perit** | Saħansitra hemm min xliena<br>Bi tbagħbis u evażjoni! |
| **Tabib** | Djar ġo Londra! |
| **Perit** | Sensariji! |
| **Tabib** | Xi kuntratt daqsxejn mimsus. |
| **Perit** | Passaporti! |
| **Tabib** | Suwiċidji |
| **Perit** | Kontijiet |
| **Perit & Tabib** | Ħasil ta’ flus! |
| **Tabib** | Iżda serrħu naqra raskom<br>Ħwejjeġ hekk żgur ma nagħmlux! |

**Perit**
Minflok għedna lil ħaddieħor
Sabiex aħna ma nidhrux!

**Tabib**
Mhux imbilli kandidati
Fl-elezzjoni ġenerali
La taħsbux li jien u sieħbi
Aħn'għedewwa jew rivali!

**Perit**
Xejn affattu! Qisna aħwa
Jiġi miegħi fejn immur
'Qas jekk ħadd ma jivvutalna
Għax xi ħaġa nieħdu żgur!

**Tabib**
Mel'għalhekk ingħaqdu magħna
Ejjew ngħinu lil xulxin.

**Perit**
U tinsewx is-slogan tagħna
Tal-elfejn tnejn u għoxrin

**Tabib**
Jekk intx lupu…

**Perit**
…jew intx nagħġa

**Perit & Tabib**
Żgur li tiġi bżonn xi ħaġa!

## Xena 1

**Tabib**
L-ewwel waqfa ta' diż-żjara
Hi fid-dar ta' Krista-Lina
Influwenzer u kantanta
Isem żgur mhux ġdid għalina.

*(Tinstema' Krista-Lina 'tkanta'. Il-Perit 'iħabbat' u jidħlu)*

## Rima 0

Id-dramm li ser taraw
M'għandu l-ebda tagħlima
X'inhija l-Qarċilla
Jekk m'għandhiex daqsxejn ta' rima?

Xi ċajta doppju sens
Xi botta 'l hemm u 'l haw'
Xi ġralna x'waħdadin
Dawn iriduna nkantaw!

**Perit**
Krista-Lina! Għedt li inti!
Int tassew li talent rari!
Dak il-leħen, leħen l-anġli,
B'timbru tant…partikolari!

**Krista-Lina**
Sur Concrete, x'sorpriża ħelwa
Nieħu gost tiġu tarawni!
U d-Dottor Zammit ġie miegħek?
Kemm hawn nies li ġew jis'mgħuni!

**Tabib**
Mhux se ndumu, żewġ minuti
Naf kemm inti impenjata

**Perit**
Iżda ridna nsellmulek
Taf biżżejjed kemm int stmata!

*(Jidħol Benji-K u jixkana)*

**Benji-K**
Qalb ta' qalbi, kollox sewwa?
Għax bdejt nisma' qisu krib.

**Krista-Lina**
Ara ftit min ġie jarana
Is-Sur Frankie u t-tabib!

**Perit**
Ara Benji! X'minnek sieħbi?
Kif qattajtha dil-ġurnata?
Għandi ikla l-ġimgħa d-dieħla
Tiġi tmexxi s-serata?

*(It-Tabib idur fuq Krista-Lina)*

| | |
|---|---|
| **Tabib** | Xtaqt kantanta ftit magħrufa<br>Għandi pasta night l-Imdina<br>Diski ħfief għal mat-timpana<br>Int taqdini, Krista-Lina? |
| **Benji-K** | Jaqaw ġejja elezzjoni?<br>Ara x'għedtlek, m'hemmx xogħol b'xejn! |
| **Krista-Lina** | Sew qed tgħidlu, anke jiena!<br>Ħlas minn qabel, fuq l-idejn. |
| **Tabib** | Hekk hu! Hekk hu! |
| **Perit** | 'Qas noħlomha! |
| **Tabib** | Naf kemm intom Laburisti! |
| **Perit** | Iżda ħaddmu naqra raskom<br>La tkunux I.Q. t'artisti! |
| **Tabib** | Għal did-darba, naqr'*exposure*<br>Taf li dejjem sew stmajniekom.<br>La nitilgħu…żgur nitkellmu<br>Żgur li nsib xi ħaġ'għalikom. |
| **Perit** | Xi kunċert fl-ewwel tas-sena<br>Naqra kant f'xi okkażjoni<br>Jew inkella konsulenza,<br>Xi kuntratt jew pożizzjoni. |
| **Benji-K** | Meta d-data ta' din l-ikla? |
| **Krista-Lina** | Fejn ħa ssir il-pasta night? |
| **Perit & Tabib** | Nibagħtulkom id-dettalji<br>Sewwa ngħid, x'intom orrajt! |
| **Tabib** | Jekk intx lupu… |
| **Perit** | …jew intx nagħġa |
| **Benji & Krista** | Żgur li tiġi bżonn xi ħaġa! |

## Xena 2

*(Ir-Rev. Johnny Bendu u Mattea f'nofs ċerimonja fejn Mattea ħa tilħaq reverendu hi wkoll)*

| | |
|---|---|
| **Johnny** | *Praise the Lord* f'din il-ġurnata<br>Qawwa kbira daħlet fik! |
| **Mattea** | Ejja imlieni minn fuq s'isfel<br>Jiena lesta biex naqdik! |
| **Johnny** | Ejja oħt, ingħaqad magħna<br>Fuqek ħoss dal-par idejn |
| **Mattea** | *Praise the Lord!* Neqirdu 'l-ħżiena! |
| **Johnny** | Ara jiena m'għedtlek xejn! |
| **Tabib** | Reverendu, *peace be with you!*<br>*Jesus* għadu l-verità? |
| **Perit** | Irġiel bħalek aħna rridu<br>Nies ta' ċerta integrità. |
| **Johnny** | Morru 'l hemm ja nies midinba<br>Il-politka mhux għalina |
| **Mattea** | Imlejtuna gays u drogi<br>Ħaqqkom biss il-giljottina! |
| **Tabib** | U jaħasra mhux se ndumu<br>Iżda għandn'osservazzjoni |
| **Perit** | Huwa sew li raġel midneb<br>Jiġi jagħti donazzjoni? |

*(Joħorġu envelopp kbir kull wieħed)*

| | |
|---|---|
| **Johnny** | Sur Concrete, kif int ħabib?<br>Dott. Zammit, kemm immissjajtek<br>Sewwa tagħmlu tiġu ħdejna<br>Ġid u hena ġġib f'ħajtek! |

| | |
|---|---|
| **Mattea** | Reverendu, il-gays u d-drogi?<br>U l-mewt taħt l-ifjen xafra? |
| **Johnny** | X'inhu Jesus mingħajr paċi?<br>X'inhi l-fidi mingħajr maħfra? |
| **Tabib** | Konna ċerti li ħa niftehmu |
| **Perit** | Ma rridukx tħossok barrani |
| **Tabib** | Jien bil-qalb inħokklok dahrek |
| **Perit** | U int ħokkli…. |
| **Per & Tab & Johnny** | …il-warrani! |
| **Tabib** | Jekk intx lupu… |
| **Perit** | …jew intx nagħġa |
| **Johnny & Mattea** | Żgur li tiġi bżonn xi ħaġa! |

## Xena 3

*(Daren Callus u Wendy Termos qegħdin jipprotestaw. Għandhom tabella kbira li tgħid KEEP IT BUSHY! SAVE THE PUSSY! B'qattus kbir impinġi fuqha)*

| | |
|---|---|
| **Daren** | Qridtu s-siġar! Qridtu l-pjanti! |
| **Wendy** | Trab u konkos ma' kulm'hemm! |
| **Daren** | Issa l-pussy fejn ħa jimraħ? |
| **Wendy** | Fejn ħa jsib ftit paċi u kenn? |

**Daren**
Għalfejn tiżbru s-siġar kollha?
Il-ħaxix għalfejn tneħħih?

**Wendy**
Ma tafux li mingħajr weraq
Malajr jista' jieħu riħ?

**Tabib**
Ara Daren!

**Perit**
Ara Wendy!

**Tabib**
Mela m'intomx xogħol illum?

**Perit**
Kemm nixtieq nagħmel jiem barra
Bla ninkwieta kemm indum!

**Tabib**
Sewwa tagħmlu! Importanti
Li jkun hemm min jipprotesta
U nwegħedkom li jekk nitla'
Inkun pront niftaħ inkjesta!

**Perit**
Kummissjoni nazzjonali!
Niftaħ investigazzjoni!
Xejn aħjar minn ftit rapporti
Sabiex tirbaħ elezzjoni!

**Daren**
Kollkom kliem!

**Wendy**
Kollkom paroli!

**Daren**
Aħna rridu bidla vera!

**Wendy**
Għax bil-kliem ma nsalvawx pussy!
Mingħajr siġar jibqgħu għera!

**Tabib**
U dażgur! U hekk hu xieraq
U jien lest nieħu azzjoni
Jien inwegħedkom li lill-pussy
Nagħtih l-ogħla protezzjoni!

Napplikaw għand il-Unesco
Ħalli d-dinja tkun taf bih!
Monument quddiem Kastilja
U nsemmu ġnien għalih!

| | |
|---|---|
| **Perit** | Jiena lest nibda kampanja<br>'No More Bush Deforestation'<br>Kollox taħt għaqda apposta<br>Bl-isem *Pussygold Foundation*<br><br>U mal-ewwel maltempata<br>Niġi żgur, ikun xi jkun!<br>Jiena lest naqsam il-fliegu<br>Bejn il-Marsa u l-Ħamrun. |
| **Tabib** | Bil-paċenzja u l-bżulija<br>Mhux bl-addoċċ… |
| **Perit** | …jew ħorrox borrox |
| **Tabib** | Biex nurukom x'aħna serji |
| **Perit & Tabib** | U għall-pussy nagħmlu kollox! |
| **Tabib** | Jekk intx lupu… |
| **Perit** | …jew intx nagħġa |
| **Daren & Wendy** | Mhu ħa ntukom l-ebda ħaġa! |
| **Perit** | Ma naqgħux għal dawn l-insulti |
| **Tabib** | Ninjoraw din it-tixwixa |
| **Perit** | Anarkisti dak li huma! |
| **Tabib** | Basta l-*LOVE* u l-ħaxixa! |
| **Perit** | Daqshekk xogħol, għal-lum biżżejjed |
| **Tabib** | Ejja ħalli nsiru stilla! |
| **Perit** | Għaliex waslet dik is-siegħa |
| **Perit & Tabib** | Li nassistu għall-Qarċilla! |

**TMIEM**

# IL-QARĊILLA

**JIEĦDU SEHEM**

| | |
|---|---|
| Nutar | Ġużi Loffreda |
| It-Tabib | Dr. J.P. Zammit |
| Il-Perit | Frankie Concrete |
| L-Ispettur | Klin de Chanteclair |
| Għarus 1 | Benjamin Camilleri<br>(magħruf bħala Benji-K) |
| Għarusa 1 | Krista Lynn Borg Chircop<br>(magħrufa bħala Krista-Lina) |
| Għarus 2 | Rev. Johnny Bendu |
| Għarusa 2 | Mattea Grech |
| Għarus 3 | Daren Callus |
| Għarusa 3 | Wendy Termos |

**Nutar**

Għeżież ħuti hawn miġbura
Kollkom ġawhar u bizzilla
Reġgħet waslet dik is-siegħa
Li tassistu għall-Qarċilla!

Ejjew 'l hawn intom miġbura
Min bilwieqfa, min bilqiegħda!
Ħalli tgawdu din is-siegħa
Man-nutar Ġużi Loffreda!

*Jingle*

Iżda forsi qed tistaqsu
Dil-bizzilla jien fejn rajtha?
Serrħu raskom li mhux nagħma
U wisq inqas hija ċajta…

*(In-nutar jikxef naqra riċipettu kollu bizzilla)*

Tlieta kbar lestejn'għalikom
Tgħidulix li qed niftaħar!
Mhux għall-mewġ qed nirreferi
Dak issibu biss fil-baħar!

Sewwa smajtu, hawn tliet koppji
Issa kollox qed jirranka!
Għaliex wara sentejn Covid
Kulħadd donnu jrid jiffranka!

Iżda qabelxejn inħabbru
Iż-żewġ xhieda eċċezzjonali
Kandidati Laburisti
Fl-elezzjoni ġenerali.

Ġew flimkien fi ħbiberija
Żewġ ġentlomi mill-kbar nett!
Allavolja kandidati
Li ħerġin fl-istess distrett

Xtaqna żewġ Nazzjonalisti
Sabiex żgur ma jgerger ħadd,
Iżda meta saqsejniehom
Kienu għad ma sabu 'l ħadd!

*(Jidħol il-perit)*

Dan il-wiċċ żgur familjari
Veteran fost il-partit!
Nobbiltà tas-Soċjalisti
Il-Perit Frankie Concrete

*(Jidħol it-tabib)*

U għal min irid il-bidla
It-Tabib J.P. Zammit
Speċjalist tal-posterjuri
Analista akkanit.

**Perit** Ġid u ferħ u allegrija!
Koċċ permessi ffirmati!

**Tabib** U għal min irid iserrħu
Ħudu daċ-ċertifikati!

## Rima 1

Mill-ġenna għall-infern
Kollox m'għadux kif kien
Il-ħajja issa kriehet
Għax iss'għadda l-aqwa żmien.

Is-silġ qiegħed idub
Il-baħar jogħla biss
Yacht Marina u koċċ dgħajjes
Ngħixu f'lussu kif imiss!

*(Fil-pront joħroġ l-Ispettur)*

**Spettur** Waqqfu kollox! Waqqfu kollox!
Waqqfu din l-attività!

**Nutar** Int min int biex ġejt twaqqafna?

**Spettur** Jien Spettur tas-Sanità!

Jiena Klin de Chanteclair
Uffiċjal tas-Sanità
Ġejt inkejjel id-distanzi
U niċċekkja l-kwalità.

Xogħli nogħrok! Xogħli nonfoħ!
Ħalli xejn ma jisfa mejjet!
Xogħli nqajjem *(pawża)* xogħli nkejjel!
Sabiex nar'hux kbir biżżejjed!

**Nutar**

Tista' tkejjel! Tista' tifli!
Għaliex qatt ma kelli lmenti!
Id-distanza, tul u wisa',
Huma żgur sodisfaċenti!

**Perit**

U dażgur Sinjur Loffreda!
Ma nistax ma naqbilx miegħek!
Tant hu hekk li l-aħħar torri
Bnejtu fuq it-torri tiegħek!

**Tabib**

Naċċertawk Sur Chanteclair
Li hawnhekk m'għandekx inkwiet.
Lin-nutar jien stess kejjiltlu
Il-wesgħat bejn il-wardiet!

**Nutar**

La taħsibx li ħadt għalija!
Jien irrid li nkun konformi!
Jekk hemm bżonn ejj'erġa' kejjel
Il-wesgħat matul Wied Gormi!

Kieku taf kemm daħħalt labar
Ġo dan ġismi tturufnat!
Lanqas ilhom xejn li tawni
Booster dritt u ppuntat!

**Tabib**

Ta' dan jiena nagħti xhieda
Għax lil ġismu jien flejthulu!

**Perit**

U biex żgur ma jkunx hemm ħabi
Jiena kont li daħħalthulu.

## Rima 2

Il-Covid irbaħnieh
Bis-saħħa tal-vaċċin
Kull sena hemm tilqima
Kulħadd toqbi x'waħdadin!

X'miraklu ġol-Ħamrun
Miraklu kbir sportiv
L-Ispartans għamlu festa
Ħadd ma ħareġ pożittiv!

**Spettur** Fil-politka, bżonn nies bħalkom
Lesti għal kull sagrifiċċju!

**Nutar** Jirriżenja xi ħadd ieħor
U malajr ikollhom siġġu!

L-ewwel koppja żgur tafuha
Dawn l-uċuħ mhux ġodd'għalina
Benji-K — mudell u stilla
U l-kantanta Krista-Lina

*(Jidħlu Benji-K u Krista-Lina)*

**Benji** Ara ftit għażiża tiegħi
Kulħadd ġie sabiex jarana!
Kulħadd ġie jarana ntejġu

**Nutar** Jew jaraw intx ser tixkana!

**Krista** Sew qed tgħid, x'folla nġabret
Qisni meta mort Liżbona

**Benji** Kulħadd ftakrek ġawhra tiegħi!

**Nutar** Kulħadd ftakar kemm tistona!

Imbagħad għandna koppja mbierka
Li lill-fidi jiddefendu
Grech Mattea u l-għażiż tagħha
Ir-Reverendu Johnny Bendu.

Issa ilhom għoxrin sena
Li l-Ispirtu ġie jnebbaħhom
Għalhekk waqqfu l-knisja tagħhom
Biex il-ġenna irebbaħhom.

*(Jidħlu Mattea Grech u r-Reverendu Johnny Bendu)*

**Mattea**
*Praise the Lord* f'din il-ġurnata
Ta' mirakli konjugali!

**Johnny B**
Tnax-il sena ta' stennija
Bla tbagħbis u atti karnali!

**Mattea**
*Praise the Lord!* Kemm allegrija!
Meta tqis li l-*end of days!*

**Johnny B**
Raġel. Mara. Hekk kif xieraq!
Għax daż-żmien, dejjem bil-gays!

*(Jidħlu Daren Callus u Wendy Termos irrabjati)*

**Daren**
Jekk il-gays ikunu fostna?
Kienu ħa jħassru xi festa?

**Wendy**
Dan abbuż! Diskrim'nazzjoni!
Daqshekk tieġ! Nagħmlu Protesta!!!!

*(Daren u Wendy joħorġu tabelli ta' protesta)*

**Nutar**
Skużaw ftit lil din il-koppja
Naf li mhux lebsin puliti
Għaliex għandkom tkunu tafu
Li dat-tnejn, ma' tal-Graffiti!

Dan ir-raġel ftit imħarbex
Dan mhux ħlief Daren Callus
Li ser jieħu l-Wendy Termos
Sabiex jgħannaq u jbus.

## Rima 3

Protesti tax-xellug
Protesti tal-lemin
Protesti fuq protesti
Xorta bqajna lkoll reqdin.

U meta ninkazzaw
Protesti ma mmorrux
Inħallu ’l tal-Graffiti
Ħalli koroh ma nidhrux.

**Spettur** Hawn wisq nies! Wisq konfużjoni!
Qegħdin tiksru l-liġijiet!
Ilbes maskra! Żomm distanza!
Għax jiżdiedu l-każijiet!

**Nutar** Mr Klin de Chanteclair
Tiħux keded, isma’ ftit
L-ebda liġi m’aħna niksru
Għidlu int, Dottor Zammit!

*(Il-kandidati jduru mal-Ispettur)*

**Tabib** Importanti tilbes maskra
Jekk ħa tmur xi passiġġata
Iżda f’tieġ jew coffee morning
Din tal-maskra hi ċuċata.

**Perit** U tinsiex x’qalilna Einstein
Illi kollox relattiv!
Skont il-każ u ċ-ċirkustanza
Ngħidu jekk intx pożittiv.

**Spettur** Iżda x-xjenza hija ċara
M’hemmx taħlit ta’ nifs jew bżieq!

**Perit** Dak f’idejna illi ngħidu
Min imut u min ifiq.

**Tabib** Iżda jien napprezza xogħlok
La taħsibx li ntik xi ħtija
Kważi kważi, ivvutali
U jekk nitl’aħdem għalija!

| | |
|---|---|
| Perit | Raġel bħalek qed infittex<br>Għaliex f'moħħi għandi pjan.<br>Isma' minni, u l-vot tiegħek<br>Itfgħu fuqi…veteran! |
| Wendy | Dan tixħim! |
| Daren | Din għarukaża! |
| Wendy | Din mhi xejn ħlief korruzzjoni! |
| Daren | M'għandniex għażla! Ġibli karta<br>Ħalli ndawwar petizzjoni! |

*(Lill-udjenza)*

| | |
|---|---|
| Krista | Kemm hu ħelu dana Daren,<br>Kemm inħobb narah jitbaqbaq! |

*(Lill-udjenza)*

| | |
|---|---|
| Mattea | U dik Wendy, kemm hi brava!<br>Kemm taf taqbeż u tiċċaqlaq! |

*(In-Nutar issa jieħu lill-Ispettur)*

| | |
|---|---|
| Nutar | Isma' minni kkalma naqra,<br>Naf li int tridilna l-ġid<br>Iżda flok ħafna distanza<br>Mhux aħjar ningħafsu ftit?<br><br>Dawn il-koppji jagħmlu kollox<br>Biex jiżżewġu mingħajr xkiel.<br>Ħadd ma jrid li fit-tieġ tiegħu<br>Jidher ikrah jew qammiel.<br><br>Mela insa l-protokolli<br>Qed inkellmek qisek ħija!<br>Daħħal ir-rutella f'butek<br>U flok daħħal sensarija! |

## Rima 4

Il-flus ma rriduhomx
Sakemm mhumiex rigal
Rigali dejjem merħba
Anke jekk m'għand kriminal.

It-taxxa ma nħallsux
Ma nibgħatx VAT return
Aħdimli bla rċevuta
Ħalli ma npaxxux 'il-Gvern.

| | |
|---|---|
| **Spettur** | Ħa navżakom sew minn issa<br>Kull rigal irrid narah<br>U li nsib li mhux konformi<br>Jien irrid nissekwestrah |
| **Nutar** | Ejjew mela għeżież tiegħi<br>Gawdu l-ferħ matrimonjali!<br>Kif l-aħjar turu mħabbitkom<br>Jekk mhux bl-għoti tar-rigali? |
| **Krista** | Jiena ħsibt li flok rigali<br>Nagħti dak li jogħġob lilkom<br>U għalhekk ktibtilkom diska<br>Sabiex issa nkantahielkom! |

*(Tibda tkanta rima weħidha u stunata)*

| | |
|---|---|
| | Iż-żwieġ bħal kanzunetta<br>U tridu jkun perfett!<br>Għalfejn ħa tkanta waħdek<br>Jekk tista' tkanta dwett…? |
| **Nutar** | Grazzi ħafna, daqslikieku<br>Aħjar ma tistrapazzax! |

*(Lill-udjenza)*

| | |
|---|---|
| **Daren** | Din aħjar minn Wendy tiegħi<br>Dik ħlief reggae ma tkantax! |

**Benji** Jiena domt naħseb x'ħa ntikom
F'dan iż-żmien straordinarju
U għalhekk iddeċidejt
Illi ntikom kalendarju.

*(Iqassam kalendarju)*

**Daren** Stenna waħda! Hawn m'hawnx dati!

**Mattea** Lanqas xhur!

**Wendy** Dan ma fih xejn!

**Benji** Għax kull meta tħarsu lejja
Iż-żmien 'qas tarawh għaddej!

*(Johnny mitluf fil-kalendarju)*

**Johnny** *Praise the Lord!* Xi nħoss ġo fija
Bħal textix matul ġenbejja.

**Krista** Dejjem moħħu biex jippoża
Kieku qatt iħares lejja!

*(Mattea tagħti daqqa lil Johnny biex jiġi f'tiegħu)*

**Mattea** Aħna ridna nkunu ġusti
Għaliex *Jesus* hekk irid.

*(Iqassmu fliexken tal-ilma)*

**Johnny B** Hawn dan l-ilma, għożżuh sewwa,
Dan bil-fidi jsir inbid!

**Daren** Flixkun ilma? Dan ħa ttuna?

**Wendy** Imbruljuni!

**Daren** Ħallelin!

**Spettur** Le, ħa jkolli nfittxilkom
Għal rigali moħbijin!

*(L-Ispettur jibda jfittxilhom)*

## Rima 5

Ġesù negozjant kbir
U żgur ma jisirqekx
Tih biss għaxra fil-mija
Biex fl-infern ma jibagħtekx.

Jekk ma tridx tmur l-infern
Tmurx tieħu l-vaċċin
Il-Bhima hu fid-doża
Sitt mija u sitta u sittin

| | |
|---|---|
| **Johnny B** | Tista' tfittex! Tridx ninżagħlek?<br>Aħna nies li nħobbu l-faqar<br>Sewwa hemm miktub fil-Bibbja |
| **Mattea** | Huwa l-ġust illi jinħaqar! |
| **Johnny** | Ejja Spirtu ġewwa fina<br>Għinna int f'dan it-taqbid! |

*(Lill-udjenza)*

| | |
|---|---|
| **Mattea** | Aħjar ġiet tfittixli Wendy<br>Kont nikxfilha dak li trid. |

*(L-Ispettur isibilhom balla flus fuqhom)*

| | |
|---|---|
| **Spettur** | Dal-flus kollha! Hekka foqra!<br>Mela jien ħsibtuni ħmar! |
| **Mattea** | Le jaħasra! Dawk l-offerti<br>Li jagħtuna ta' kull xahar. |
| **Johnny** | Għax kull membru jrid jagħti<br>Daqs kemm jagħti taxxa 'l-Gvern. |
| **Spettur** | U min m'għandux flus biżżejjed? |
| **Johnny** | Ħeqq imorru dritt l-infern! |
| **Daren** | Tal-mistħija! |

**Wendy** Din ħniżrija!!

**Daren** Ħmieġ u ħama!

**Wendy** …u inġurja!

**Daren & Wendy** Ejja mmorru! Tlaqna issa!
Sit-in strike quddiem il-Kurja!

**Nutar** Mhux għax jien irrid nindaħal
Iżda donnkom ma tafuhx
Kulħadd jaf x'Kristjani huma!
Dawn il-Bovril ma jnizżluhx!

Dawna jemmnu li fid-dinja
Ma ġie xejn tajjeb qabilhom,
U allura minn ġol-Bibbja
Jagħżlu biss dak li jaqblilhom.

Arahom dritt iwaħħlu f'Alla
Kif iħossu xi tagħrixa
Ngħid għalija jien narahom
Qishom pejpu l-ħaxixa

**Daren** La ssemmix il-pjanta nobbli
Biex twaqqagħha fiż-żufjett!
Il-*Cannabis ruderalis*
Ħaqqha qima u rispett!

**Wendy** Il-ħaxixa, spiritwali,
Kemm għal Daren u għalija.
U għalhekk iddeċidejna
Li kulħadd jieħu qasrija!

*(Iqassmu tmien pjanti)*

**Spettur** Stenna waħda! Skont il-liġi
Jista' jkollkom s'erba' xtieli!

*(L-Ispettur iwaqqfu biex jgħodd)*

**Daren** Erbgħa jien, u erbgħa Wendy….

**Spettur** Ħaqq ax-xjafek…irbaħthieli!

*(Iressaqhom f'ġenb)*

F'das-sentejn ta' pandemija
Tgħidx kemm sirt inħobb il-pjanti!
M'għandkomx xi żewġ qsari żejda?
Għaliex tidhru dilettanti.

Bħala ħlas nista' noffrilkom
Permess b'xejn għal kull protesta
Tinkwetawx, tibqa' bejnietna,
Basta xitla kbira u lesta.

**Wendy** Ma tarax!

**Daren** Imissek tistħi!

**Wendy** Aħna l-liġi nħarsuha!

**Johnny & Mattea** Il-ħaxixa timliek ħażen!

**Daren & Wendy** Mela ilkom sew tpejpuha!

*(It-Tabib u l-Perit imorru fuq l-Ispettur)*

**Tabib & Perit** Għar-rigali naħsbu aħna
Inti xogħlok ħu ftit noti
Ara n-nies x'nistgħu nagħtuhom
U ddubbalna erba' voti

*(Lill-għarajjes)*

**Perit** Jien nagħtikom fridge kull wieħed

**Tabib** Għal kulħadd, washing machine!

**Perit** Jien nagħtikom roly poly!

**Tabib** U jien ħelu f'Halloween

**Perit** Jien nagħtikom dal-permessi
Waqqa'! Ibni! Ħu li trid!

**Tabib** Karti blu! Ċertifikati!
M'hemmx għalfejn li tkun marid!

**Perit** Ħafna xogħol bla rċevuta
Prezzijiet mill-iktar baxxi
U għajnuna finanzjarja
Sabiex tevitaw it-taxxi!

**Tabib** Xi kuntratt għall-familjari
Konsulenzi inħallulkom
U jekk qatt jirrappurtawkom
Nagħtu ċans li tgħattu xturkom

*(Idoqq il-mowbajl tan-Nutar)*

**Nutar** Waqqfu kollox! Waqqfu kollox!
Hawn messaġġ u rigal ċkejken
Mill-Partit Nazzjonalista!

"Għeżież żgħażagħ u għarajjes
Min jaf x'ferħ u emozzjoni!
Ma nafx jekk qattx smajtu bina;
Aħna tal-Oppożizzjoni

Tatux każ il-propaganda
Li jgħajruna bla viżjoni
Pjanijiet għandna kemm tridu
Għalhekk forsi l-konfużjoni.

Xtaqna kieku konna fostkom
Ħa ningħaqdu għalenija
Iżda nofsna riedu 'l Bernard
Nofsna riedu lil Delia!

Iżda issa li ħa ttejġu
Żgur ser tifhmu 'l dal-partit
La taħsbux li ħa titwaħħdu
Għax bejn tnejn ħa taqsmu l-ġid

Għalhekk dar-rigal nagħtukom
Bħalu żgur ma takom ħadd!
Ivvutawlna u tellgħuna
U dal-qsim ma jintemm qatt!"

## Rima 6

Ix-Xjafek u l-Waħx
Sireni u l-Gawgaw
Bħall-Partit Nazzjonalista
Ħadd ma jaf jekk għadhomx hawn.

Daqt jibda r-Randan
Ħu l-opportunità
Jekk tivvota lill-PN
Huwa att ta' karità

**Perit** Messaġġ ħelu!

**Tabib** Kelmtejn tajba!

**Perit** U għal darba jagħmlu sens!

**Nutar** Jiġifieri jekk fhimt sewwa
Donnkom tajtu l-kunsens?

**Perit** La taħsbux li għax rivali
Ħa nwaqqgħuhom għaż-żufjett!

**Tabib** Kulħadd jaf li l-akbar għadu

**Perit & Tabib** Huwa dak fl-istess distrett.

*(Iħarsu lejn xulxin bi tbissima falza)*

**Nutar** Tajjeb wisq, ejja nkomplu
Għax dalwaqt se jkolli mmur
Għax illejla jmissni booster
Mat-Tabib u l-Ispettur!

**Tabib** U tinsiex, tilbes il-maskra!

**Nutar** Anke biex teżaminani?

**Spettur** Dak għax jaf x'titlob il-liġi!

**Tabib** Propjament, għax teċitani!

**Johnny** Dal-vaċċini allat foloz
Illi fuqhom ilni nwissi!
Din l-imxija kastig t'Alla
Hekk kif hemm fl-Apokalissi!

**Daren** Meta trid tikkwota l-Bibbja!
Ara l-flus ma tantx kidduk!

**Benji** U ħallih lill-povru Johnny
Lanqas li qed jisirquk!

**Krista** Kemm tkun pront taqbeż għal Johnny
Lili 'qas tikkalkulani!

**Tabib** Jekk trid naqra attenzjoni,
Jiena nifhem fil-warrani!

**Daren** Ara ftit kif ħa tkellimha!
Dik artista ferm famuża!

**Mattea** Ara int! Salvaġġ komuni
Aħjar mort titolbu skuża!

**Wendy** Skuża lilkom? Kriminali?
Daqt inġibkom f'xi gazzetta!

**Krista** Tridx minnflok, biex nagħmlu paċi,
Inkantalkom kanzunetta?

*(Kulħadd jieħu qatgħa)*

**Daren** Iva kanta, anġlu tiegħi!
Dak il-leħen isaħħarni!

*(Wendy iddur fuq Daren)*

**Wendy** Iva ħelu? Anġlu tiegħek?

**Daren** Aħjar minnek! Iddardarni!

**Mattea** Isma' ħi, għax ma rajtx wiċċek?
Għandu bżonn għorka xkupilja!

**Benji** U int wiċċek jixbah ħafna
Monument quddiem Kastilja!

*(In-Nutar jibda jippanikja għax jara kollox jiddeġenera)*

**Nutar** Ieqfu! Ieqfu! Ħudu pawża!
Qed inħoss ħafna taqlib!
Sadattant ħa nikkonsulta
Mal-Perit u mat-Tabib!

## Rima 7

Sigrieti ma fadalx
L-għawar issa mikxuf!
Jekk iżżewwiġt xadina
La tgergirx li blajt is-suf.

Kulħadd irid l-aħjar
Allura nippruvaw
Għax issa daqt nixjieħu
U jkollna niddubbaw!

*(In-Nutar jikkonfoffa mal-Perit u t-Tabib)*

**Nutar** Sitwazzjoni xejn normali
Donnu ħadd m'għandu żwieġ sod.

**Perit** Biċċa tagħhom!

**Tabib** Affarihom!

**Perit & Tabib** Aħna ġejna biss għall-vot!

**Nutar** Qisu ħadd ma jrid lil żewġu
Jew inkella jieħu 'l martu.
Min jaf kieku huwiex aqwa
Jekk ngħidulhom biex ipartu?

**Perit** L-ebda inkwiet ma rridu fuqhom!

**Tabib** Nawgurawlhom ħafna risq

**Perit & Tabib** Iżda ejja lkoll nammettu
Mhux li jimpurtana wisq!

*(Jidħol l-Ispettur iferraqhom)*

**Spettur** X'inhu jiġri? Xi konfoffa
Biex tevadu r-reg'lamenti?

**Nutar** Lanqas xejn Sur Chanteclair
Din hi biss laqgħa urġenti!

Dawn il-koppji mhux konvinti
U hemm bżonn nieħdu azzjoni
La tinsewx li ftit xhur oħra
Dalwaqt għandna elezzjoni.

Għalhekk għedna ntuhom għażla
Jistgħu jieħdu 'l min iridu
Basta llum kulħadd jiżżewweġ
Ħadd ma jibqa' b'idu f'idu!

**Tabib** Sew qed tgħid, din ħaġa serja
Hemm bżonn noffru inċentiva

**Perit** Somma flus, u xogħol mal-Gvern
U malajr jgħidu dik l-'iva'!

**Spettur** Intom taħsbu li n-nies boloh?
Kemm ħsibtuhom bla valuri?
Kulħadd jaf li f'jum it-tieġ
Ħadd ma jrid brutti figuri!

**Perit** U jaħasr'għalfejn tinkwieta?
Ma hemmx liġi biex tinnamra!
Fil-politka tiġri ħafna
Li xi ħadd jaqsam il-kamra!

**Tabib** U mhux talli! Taf biżżejjed
Hemm min tant m'għandux żejt f'wiċċu
Illi tkeċċa jew inqabad
U baq'hemm isaħħan siġġu!

**Perit** Din l-imħabba hi bħal gwerra
Ma hemmx fqir jew raġel għani
Għidli inti jekk hux veru
Kulħadd wiċċu bħall-warrani!

**Tabib** Hekk hu! Hekk hu! Kulħadd xorta,
Sew jekk ħbieb jew jekk għedewwa!
Jiena speċjalist anali
Il-warrani nafu sewwa!

**Nutar** Aktar ma tiswa l-mistura
Aktar din tkun effettiva
Min jaf kieku li toffrulhom
Xi daqsxejn ta' inċentiva?

*(Lill-għarajjes)*

**Perit** Jekk kulħadd lest jivvutali
Jien inħallas għal dat-tieġ!

**Tabib** U jekk lili jtuni l-Unu
Kulħadd jieħu li jeħtieġ!
Trid Green Pass bla ma tittaqqab?
Ejjew għandi bla mistħija!

**Perit** Ħudu ċekk ta' sittin ewro
Bħala premju għall-bżulija!

**Spettur** Hawn wisq nies, kulħadd iħawwad
Wisq tbagħbis minn taħt l-idejn!
L-inċentiva lili tuha!
Jew inkella ma jsir xejn!

**Nutar**
Araw naqra kemm rigali!
Taħsbukomx qegħdin l-Istrina?
Kulma rridu li tiżżewġu
Kif? Ma' min? Xorta għalina.

Importanti li tiżżewġu
'Ħabba l-għaqda nazzjonali!
Għax inkella dawk il-billboards
Huma ħela kolossali!

Isa! Isa! Ejja, ftiehmu naqra
Għax dalwaqt ħa mmur id-dar!
Dan mhux bejgħ ta' power station
Jew l-Air Malta jew xi sptar!

## Rima 8

L-imħabba mhux iż-żwieġ
Iż-żwieġ hu biss kuntratt
Flok tieġ investi f'bitcoin
Toħroġ iktar sodisfatt.

Illum jgħaddi malajr,
Futur mhux garantit
Niżżewweġ biss jekk tgħidli
Li ma tridx ħafna rbit.

*(Daren joħroġ fin-nofs u jinżel għarkupptejh quddiem Krista-Lina)*

**Daren**
Mel'allura anġlu tiegħi
Trid tkun marti int illum?
Għax bik tkanta fil-protesti
Dejjem tgħaddi tagħna żgur!

**Krista-Lina**
Iva qalbi, jiena tiegħek
Sa ma ħajti għad tintemm!
Ejja orbotni ma' xi siġra…

**Wendy** Jekk f'sensih, iħallik hemm!

**Benji-K** Ħajti vojta! Ruħi mbattla!
Qalbi sfat abbandunata!

**Johnny** Ħalli f'idi, infawrek jiena
Daqs il-Marsa f'maltempata!

**Mattea** Reverendu! Dan x'qed nisma'?
Mela nsejt li hemm miktub?
San Pawl jgħid, insejt f'liem ittra
Żewġt irġiel ifissru dnub!

*(Johnny jitkaħħal ma' Benji)*

**Johnny** Jien illum tnebbaħt bl-Ispirtu
Illi int mhux ser tkun marti!
Għax flok ngħix ħajja ta' verġni
Jien għażilt li mmut martri!

*(Wendy tidħol fin-nofs)*

**Wendy** Jien ukoll tnebbaħt bl-Ispirtu
Għax l-imħabba jien fik sibtha!
Jiena rridek li tkun marti!

**Daren** Naħseb iktar għax pejjiptha!

**Mattea** Imma jien inħobb 'il Jesus
Ma nixtieqx niċħad il-fidi!

**Wendy** Tinkwetax għażiża tiegħi
Għidlu jidħol mal-Graffiti!

**Nutar** Malajr donnu irranġajna
Mhux ser naħlu kejk jew fjuri!
B'naqra flus u attenzjoni
Kulħadd jinsa l-valuri!

Iżda f'dinja qed tinbidel
Li mlejnieha qerq u kruha
X'jifdal fina jekk x drabi
Ma ntuhiex għaċ-ċajt u l-bluha?

Hemm min jgħid li qegħdin negħrqu
Hemm min jgħid futur sabiħ!
Iżda ħa nserrħilkom moħħkom
Ilna li missejna l-qiegħ!

## Diska

*(Titkanta fuq 'Is-Sakranazzi' ta' V. Ciappara)*

| | |
|---|---|
| **Nutar** | Evviva l-Qarċilla<br>Evviva dal-kuntratt<br>Għax f'dan it-taħwid kollu<br>Hi biss li ma tmut qatt! |
| **Perit** | Evviva lill-għarajjes<br>Evviva lin-nutar |
| **Tabib** | Evviva l-ġenn li jżommna<br>Evviva l-Karnival! |
| **Kulħadd** | L-Imħabba hi vajrus<br>Li minnha ma nfiqux<br>L-Imxija, insiha,<br>Il-Covid ma rriduhx<br><br>Id-dinja li bnejna<br>Ġibnieha trab, sadid.<br>Ejjew ingawdu qabel<br>Ma jfeġġ xi varjant ġdid |
| **Spettur** | Evviva l-maskarati<br>Li  jikxfu kull għawar |
| **Daren & Krista** | Evviva it-tbissima<br>Fuq wiċċna aħmar nar. |
| **Johnny & Benji** | Evviva l-allegrija<br>Li magħha ma żfintux |

**Wendy & Mattea**
Evviva l-għanja mħanxra
Li intom ma smajtux.

**Kulħadd**
L-Imħabba hi vajrus
Li minnha ma nfiqux
*Eċċ, eċċ.*

**Perit & Tabib**
Evviva min hu iblah
U jemmen biss fl-eċċess
Għax dalwaqt jintemm kollox
Għalfejn dal-ħafna stress?

**Nutar**
Evviva tmiem id-dinja
Nifirħu f'tarf l-abbiss
Dan kollu ħtija tagħna
Għax rasna iebsa wisq

**Kulħadd**
L-Imħabba hi vajrus
Li minnha ma nfiqux
*Eċċ, eċċ.*

**TMIEM**

**KITBA**
Ċikku l-Poplu

**PRODUZZJONI U DIREZZJONI**
Joseph Galea

**ATTURI**

| | |
|---|---|
| Nutar Gużi Loffreda | Matthew Balzan |
| Tabib Dr. J.P. Zammit | Patrick Tanti |
| Perit Frankie Concrete | Fabio Mifsud |
| Spettur Klin De Chanteclair | Sandro Vella |
| Benji-K | Karl Schembri |
| Krista-Lina | Rachel Micallef |
| Rev. Johnny Bendu | Nathaniel Galea |
| Mattea Grech | Maria Galea Farrugia |
| Darren Callus | Ryan Galea |
| Wendy Termos | Stephanie Sacco |

**MUŻIĊISTI**
Albert Garzia
Kim Mercieca
Matthew Vella

**ASSISTENTA TAL-PRODUZZJONI**
Svetlana Camilleri

**ARRANĠAMENTI MUŻIKALI**
Albert Garzia

**KOSTUMI**
Louie Noir / Marika Zarb

**IRTOKK**
Make up by Dea /
Deandra Bugeja

**STAGE MANAGER**
Michael Carol Bartolo

**DISINN TAD-DAWL**
Fabio Mifsud

**FOTOGRAFIJA**
Dorian Bugeja

SPAZJU KREATTIV

TWIST

Il-Kunsill Nazzjonali
tal-Ilsien Malti

HORIZONS

FESTIVALS Malta